Nru. 1489

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 1489

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

ĦAL BALZAN

KJARIFIKA TA' ESTENSJONI

Pjazza Bertu Fenech, indikata fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tibda minn k/m Triq Ġużè Bonnici, tmiss ma' Triq it-Tliet Knejjes u tkompli sa k/m Triq Idmejda.



BIRKIRKARA

Dik it-triq li tibda minn k/m Triq il-Gazzija u li twassal sa Triq Sqaq l-Ibgħal, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ
KAN. INJAZJU
SCIBERRAS PSAILA
PREPOSTU
1915 – 1994



BIRKIRKARA

Triq ġdida fi Triq is-Sienja, li tibda minn k/m Triq is-Sienja u li twassal sa k/m Triq Dun Injazju Sciberras Psaila, imsemmija f'din in-Notifikazzjoni, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IT-TABIB VICTOR THEUMA
FILANTROPU
1957 – 2022




ĦAL QORMI

Parti minn Triq il-Blata, li tibda minn k/m Triq il-Wied u li twassal sa k/m Triq il-Kbira, indikata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TREJQET
IL-KOLLEĠĠJATA

Parti minn Triq il-Blata, li tibda minn k/m Triq il-Wied u li twassal sa k/m Trejqet il-Kolleġġjata, imsemmija f'din in-Notifikazzjoni u indikata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TREJQET
IT-30 TA' ĠUNJU, 2019





ĦAL SAFI

KJARIFIKA TA' ESTENSJONIJIET

Misraħ San Ġużepp, indikat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta, għandu jibda minn k/m Triq Santa Marija, imiss ma' Triq San Ġużepp u jkompli sa k/m Triq San Ġorġ.

Triq San Ġorġ, indikata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tibda minn k/m Misraħ San Ġużepp u twassal sa k/m Triq Stiefnu Erardi.





IŻ-ŻURRIEQ U BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

Sqaq it-Torri, li jibda minn k/m Triq it-Torri u li jwassal sa k/m Triq San Porfirju, indikat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

TRIQ
DUN NAZZARENO TONNA
ATTIVIST RELIĠJUŻ
1930 – 2013

Triq ġdida, li tibda minn k/m Triq Dun Nazzareno Tonna, imsemmija f'din in-Notifikazzjoni u li twassal sa k/m Triq l-Imwieġel, indikata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ COSTANTINO FARRUGIA
INFERMIER, ATTUR u KITTIEB
1920 – 2001

Triq ġdida, li tibda minn k/m Triq Costantino Farrugia, imsemmija f'din in-Notifikazzjoni u li twassal sa k/m Triq Salvu Saliba, imsemmija wkoll f'din in-Notifikazzjoni, indikata bin-numru 3 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ REMIĠ SACCO
KITTIEB u ĠURNALIST
1922 – 2004

Triq ġdida, li tibda minn k/m Triq l-Arċipriet E. Mifsud u li twassal sa k/m Triq l-Imwieġel, indikata bin-numru 4 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ SALVU SALIBA
GĦALLIEM U L-EWWEL SINDKU
1954 – 2019